

32001L0056

L 292/21

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.11.2001

**ID-DIRETTIVA 2001/56/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tas-27 ta' Settembru 2001**

**dwar is-sistemi li jsaħħnu tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill
70/156/KEE u tabroga d-Direttiva tal-Kunsill 78/548/KEE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾, Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 78/548/KEE tat-12 ta' Ġunju 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fejn jikkonċernaw sistemi li jsaħħnu għall-kompartiment tal-passiġġieri tal-vetturi bil-mutur ⁽⁴⁾ ġiet adottata bħala waħda mid-direttivi separati dwar il-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE li ġiet stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽⁵⁾.

Konsegwentement, id-disposizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 70/156/KEE dwar sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati tal-vetturi japplikaw għad-Direttiva 78/548/KEE.

- (2) Partikolarment, skond l-Artikolu 3(4) u l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 70/156/KEE kull direttiva separata għandha tkun akkumpanjata minn dokument ta' informazzjoni li jinkorpora l-punti rilevanti ta' l-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE kif ukoll ċertifikat ta' approvazzjoni ibbażat fuq l-Anness VI tagħha sabiex l-approvazzjoni tat-tip tista' tkun kompjuterizzata.

- (3) Fid-dawl tal-progress tekniku, il-*combustion heaters*, li s-soltu jaħdmu bid-diesel, bil-petrol jew bil-gass tal-pitrolju likwidifikat, huma issa mwaħħla fuq diversi tipi ta' vettura sabiex jipprovdu sħana għall-kompartiment tal-passiġġier (e.ż. tax-xarabank), il-post tat-tagħbija (e.ż. trakkijiet u karrijiet) jew il-kompartiment ta' l-irqad (e.ż. tat-trakkijiet jew

karovani bil-mutur) sabiex tiġi pprovduta s-sħana effiċjentement u mingħajr l-emissjonijiet ta' ħoss u gass assoċjati mal-operat tal-magna ta' propulsjoni meta l-vettura hija pparkjata. Għal raġunijiet ta' sigurtà, huwa meħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni jiġi estiż biex jinkludi ħtiġiet għal *combustion heaters*, u għall-istallazzjoni tagħhom. Dawn il-ħtiġiet għandhom jikkorrespondu ma' l-ogħla *standards* konsistenti mat-teknoloġija kurrenti.

- (4) Huwa meħtieġ li jsiru disposizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip għal *combustion heaters* bħala komponenti u għal vetturi li fihom l-istallazzjoni tal-*combustion heater*.
- (5) Huwa meħtieġ li din id-Direttiva tiġi supplementata bi ħtiġiet addizzjonali dwar is-sigurtà għall-*combustion heaters* tal-gass tal-pitrolju likwidifikat (LPG) biż-żieda ta' l-Anness.
- (6) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KEE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⁽⁶⁾.
- (7) Għal raġunijiet ta' kjażzezza huwa rakkomandat li tkun abrogata id-Direttiva 78/548/KEE u tiġi sostitwita b'din id-Direttiva,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kwalunkwe vettura li għaliha tapplika d-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 2

L-ebda Stat Membru m'għandu jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' tip ta' vettura jew tip ta' sistema li ssaħħan għal raġunijiet relatati mas-sistema li ssaħħan għall-kompartiment tal-passiġġier jew għall-post tat-tagħbija jekk is-sistema tissoddisfa l-ħtiġiet stabbiliti fl-Annessi.

Artikolu 3

L-ebda Stat Membru ma jista jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' xi vettura jew il-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' xi sistema li ssaħħan għal raġunijiet relatati mas-sistema li ssaħħan għall-kompartiment tal-passiġġier jew il-post tat-tagħbija jekk is-sistema tissoddisfa l-ħtiġiet stabbiliti fl-Annessi.

⁽¹⁾ ĠU C 326, ta' l-24.10.1998, p. 4 u ĠU C 116 E, tas-26.4.2000, p. 2.

⁽²⁾ ĠU C 101, tat-12.04.1999, p. 15.

⁽³⁾ L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' April 1999 (ĠU C 219, tat-30.7.1999, p. 58), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru (ĠU C 36, tat-2.2.2001, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Marzu 2001 (għadha mhix ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali). Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2001.

⁽⁴⁾ ĠU L 168, tas-26.06.1978, p. 40.

⁽⁵⁾ ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 98/91/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 11, tas-16.1.1999, p. 25).

⁽⁶⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

Artikolu 4

1. B'effett mid-9 ta' Mejju 2003 l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet relatati mas-sistemi li ssaħħan:

- jirrifjutaw, fir-rigward ta' xi tip ta' vettura jew ta' sistema li ssaħħan, li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew
- jipprojbixxu l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi, jew il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' sistemi li ssaħħan,

jekk is-sistema li ssaħħan tkun konformi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

2. B'effett mid-9 ta' Mejju 2004 l-Istati Membri:

- m'għandhomx aktar jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE, u
- jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali,

għal tip ta' vettura għal raġunijiet relatati mas-sistemi li ssaħħan, jew għal tip ta' *combustion heater*, jekk il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva ma jkunux sodisfatti.

3. B'effett mid-9 ta' Mejju 2005 l-Istati Membri:

- għandhom jikkonsidraw ċ-ċertifikati tal-konformità li jakkumpanjaw vetturi ġodda skond id-disposizzjonijiet tad-Direttiva 70/156/KEE bħala mhux aktar validi għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7(1) ta' dik id-Direttiva, u
- jistgħu jirrifjutaw il-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, u d-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda,

għal raġunijiet relatati mas-sistemi li ssaħħan jekk il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva ma jkunux sodisfatti.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal tipi ta' vetturi mgħammra b'sistemi li jsaħħnu bil-waste-heat, bl-użu ta' l-ilma bħala mezz ta' trasferiment.

4. B'effett mid-9 ta' Mejju 2005 il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva dwar *combustion heaters* bħala komponenti għandhom japplikaw għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 5

Mhux aktar tard mid-9 ta' Novembru 2002 il-Kummissjoni għandha teżamina l-ħtiġiet addizzjonali tas-sigurtà fir-rigward ta' sistemi li ssaħħan bil-gass tal-pitrolju likwidifikat (LPG) ta' vetturi bil-mutur u, jekk xieraq, temenda d-Direttiva skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2).

Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku, stabbilit bl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE, hawnhekk iżjed "il quddiem imsemmi bħala" il-Kumitat.

2. Meta issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom ikun applikabbli, waqt li jit-tieħed kont tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta ir-regoli tal-proċedura tiegħu.

Artikolu 7

Id-Direttiva 70/156/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1. Il-punt 36 fl-Parti 1 ta' l-Anness IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

Suġġett	Id-Direttiva	Referenza fil-Ġurnal Uffiċjali	Applikabbiltà										
			M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄	
"36. Sistemi li ssaħħan"	2001/56/KE	L 292 tad-9.11.2001	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X

2. Fl-Anness XI:

(a) Il-punt 36 fl-Appendiċi 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

Punt	Suġġett	Id-Direttiva	M ₁ = 2 500 (t) kg	M ₁ > 2 500 (t) kg
"36"	Sistemi li ssaħħan	2001/56/KE	I	G + P"

(b) Il-punt 36 fl-Appendiċi 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Punt	Suġġett	Id-Direttiva	Vetturi kkorazzati tal-kategorija M ₁
36	Sistemi li ssaħħan	2001/56/KE	X"

Artikolu 8

Id-Direttiva 78/548/KEE hija abrogata b'effett mid-9 ta' Mejju 2004. Riferenzi li jsiru għad-Direttiva 78/548/KEE għandhom jitqiesu bħala riferenzi għal din id-Direttiva.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrativi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva qabel id-9 ta' Mejju 2003 u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandhom ikun fihom riferenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati b'din ir-referenza fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 10

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 ta' Settembru 2001.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

N. FONTAINE

Għall-Kunsill

Il-President

C. PICQUÉ

LISTA TA' L-ANNESSI

- L-Anness I: Disposizzjonijiet amministrativi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE
- Appendiċi 1 Dokument ta' informazzjoni -approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura
- Appendiċi 2 Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip (vettura)
- Appendiċi 3 Dokument ta' informazzjoni - approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent
- Appendiċi 4: Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE (komponent)
- Appendiċi 5: Marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE (komponent)
- L-Anness II: Kamp ta' applikazzjoni, definizzjonijiet u ħtiġiet
- L-Anness III: Ħtiġiet għas-sistema ta' *waste heating* - arja
- L-Anness IV: Proċedura tat-test għall-kwalità ta' l-arja
- L-Anness V: Proċedura tat-test għat-temperatura
- L-Anness VI: Proċedura tat-test għall-emissjonijiet ta' l-*exhaust*
- L-Anness VII: Ħtiġiet għall-*combustion heaters* u l-istallazzjoni tagħhom
- L-Anness VIII: Ħtiġiet tas-sigurtà ta' *combustion heaters* bil-LPG
-

ANNEX I

DISPOSIZZJONIJIET AMMINISTRATIVI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE GĦAL TIP TA' VETTURA
 - 1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE għal tip ta' vettura fir-rigward tas-sistema li ssaħħan tagħha għandha tingħata mill-manifattur.
 - 1.2. L-Appendiċi I jagħti mudell tad-dokument ta' informazzjoni.
 - 1.3. Dan li ġej għandu jkun ippreżentat lis-servizz tekniku responsabbli li jagħmel it-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip:
 - 1.3.1. vettura rapreżentattiva tat-tip biex tkun approvata.
2. GĦOTJA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE GĦAL TIP TA' VETTURA
 - 2.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti huma soddisfatti, għandha tingħata l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 70/156/KEE.
 - 2.2. L-Appendiċi 2 jagħti mudell taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE.
 - 2.3. Għandu jiġi assenjat numru ta' l-approvazzjoni skond l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE għal kull tip ta' vettura approvata. L-Istess Stat Membru m'għandux jassenja l-istess numru għal tip ieħor ta' vettura.
3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE GĦAL TIP TA' COMBUSTION HEATER
 - 3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' *combustion heater* bħala komponent għandha tkun ippreżentata mill-manifattur tas-sistema li ssaħħan.
 - 3.2. L-Appendiċi 3 jagħti mudell tad-dokument ta' informazzjoni.
 - 3.3. Dan li ġej għandu jkun ippreżentat lis-servizz tekniku responsabbli li jagħmel it-testijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip:
 - 3.3.1. *combustion heater* rapreżentattiv tat-tip biex ikun approvat.
4. GĦOTJA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE GĦAL TIP TA' COMBUSTION HEATER
 - 4.1. Jekk il-ħtiġiet rilevanti huma soddisfatti, għandha tingħata l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, fejn japplika, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE.
 - 4.2. L-Appendiċi 4 jagħti mudell taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip.
 - 4.3. Għandu jingħata numru ta' l-approvazzjoni skond l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE għal kull tip ta' *combustion heater* approvat. L-Istess Stat Membru m'għandux jagħti l-istess numru għal tip ieħor ta' *combustion heater*.
 - 4.4. Kull *combustion heater* li jkun konformi ma' l-approvazzjoni tat-tip skond din id-Direttiva għandhu jkollu marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti kif speċifikat fl-Appendiċi 5.
5. MODIFIKI TAT-TIP U L-EMENDI GĦALL APPROVAZZJONIJIET
 - 5.1. F' każ ta' modifiki tat-tip ta' vetturi jew tat-tip ta' *combustion heater* approvati skond din id-Direttiva, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE għandhom ikunu applikabbli.
6. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
 - 6.1. Miżuri biex tkun asigurata l-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Appendiċi 1

DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI NRU.....

skond l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (*) dwar approvazzjon tat-tip tal-KE għal vettura dwar is-sistemi li ssaħħan tagħha (*) (Direttiva 2001/56/KE)**

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinji għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew ġo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

0. ĠENERALI
 - 0.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):
 - 0.2. Tip
 - 0.2.1. Isem (ismijiet) tal-kummerċ (jekk disponibbli):
 - 0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura ^(b):
 - 0.3.1. Lok ta' dak l-immarkar:
 - 0.4. Kategorija tal-vettura/i ^(c):
 - 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
 - 0.8. Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:
1. KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAL-VETTURA
 - 1.1. Ritratti u/jew tpinġijiet ta' vettura rapreżentattiva:
3. L-IMPJANT TA' L-ENERĠIJA ^(g)
 - 3.1.1. Il-kodiċi tal-manifattur għal-magna:
(kif immarkat fuq il-magna, jew mod ieħor ta' l-identifikazzjoni):
 - 3.2.1.1. Prinċipju ta' l-operat: injizzjon pożittiva/injizzjoni b' kompressjoni, four stroke/two stroke ⁽¹⁾
 - 3.2.1.2. In-numru u l-arranġament taċ-ċilindri:
 - 3.2.1.8. Potenza netta massima, kW b' min⁻¹ (valur iddikjarat mil-manifattur)
 - 3.2.7. Sistema ta' tkessiġh (likwidu/arja) ⁽¹⁾
 - 3.2.7.1. Settjar nominali ta-mekkaniżmu li jikkontrolla t-temperatura tal-magna:
 - 3.2.8.1. Karika tal-pressjoni: iva/le ⁽¹⁾
 - 3.2.8.1.2. Tip(i):
 - 3.2.8.1.3. Deskrizzjoni tas-sistema (e.ż. karika tal-pressjoni massima: KPa, wastegate jekk applikabbli)

⁽¹⁾ In-numri tal-punti u tan-noti ta' qiegħ il-paġna wżati f'dan id-dokument ta' l-informazzjoni jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE. Il-punti li mhumiex relevanti għall-iskop ta' din id-Direttiva tħallew barra.

^(**) F'dan il-każ ta' sistemi tat-tisħin bl-użu tat-tisħin mill-likwidu li jkessaħ il-magna, jgħoddu biss il-punti 0 sa 0.8, 3.2.7 u 9.10.5.1.


9. IL-KAROZZERIJA
- 9.10.5. *Sistemi li ssaħħan għall-kompartimenta tal-passiġġier*
- 9.10.5.1. Deskrizzjoni qasira tat-tip ta' vettura dwar is-sistema li ssaħħan jekk is-sistema li ssaħħan tuża s-sħana tal-likwidu li jkessaħ il-makna:
- 9.10.5.2. Deskrizzjoni qasira tat-tip ta' vettura dwar is-sistema li ssaħħan jekk l-arja li tkessaħ jew il-gassijiet ta' l-exhaust tal-magna jintużaw bħala l-egħjun li ssaħħan, inklużi:
- 9.10.5.2.1. tpinġija tad-disinn tas-sistema li ssaħħan li turi l-pożizzjoni tagħha fil-vettura:
- 9.10.5.2.2. tpinġija tal-pan tal-heat exchanger għas-sistemi li jsaħħnu bl-użu tal-gassijiet ta' l-exhaust biex tagħmel is-sħana jew tal-partijiet fejn isir l-iskambju li ssaħħan (għal sistemi li jsaħħnu bl-użu ta' l-arja li tkessaħ il-makna biex jintużaw għas-sħana):
- 9.10.5.2.3. tpinġija sezjonali tal-heat exchanger jew tal-partijiet rispettivi fejn is-sħana tiġi skambjata, b'indikazzjoni tal-ħxuna tal-ħajt, il-materjali użati u l-karatteristiċi tal-wiċċ:
- 9.10.5.2.4. Għandhom jingħataw speċifikazzjonijiet għal komponenti l-oħrajn importanti tas-sistema li ssaħħan, bħal, e.g., il-fann tal-heater, dwar il-metodi ta' kostruzzjoni u l-informazzjoni teknika
- 9.10.5.3. Konsum massimu ta' l-elettriku: kW
-

Appendiċi 2

MUDELL

(format massimu: A4 (210 mm × 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE



Komunikazzjoni li tikkonċerna:

- l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾

ta' tip ta' vettura/komponent/unità separata teknika ⁽¹⁾ fir-rigward tad-Direttiva 2001/56/KE.

Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

- 0.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. Tip
- 0.2.1. Isem (ismijiet) tal-kummerċ (jekk disponibbli):
- 0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾
- 0.4. Kategorija tal-vettura/i ⁽¹⁾ ⁽²⁾
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal- KE:
- 0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

TAQSIMA II

- 1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): ara l-addendum
- 2. Servizz tekniku responsabbli li jwettaq it-testijiet:
- 3. Data tar-rapport tat-test:
- 4. Numru tar-rapport tat-test:
- 5. Rimarki (jekk hemm): ara l-addendum
- 6. Post:
- 7. Data:
- 8. Firma:
- 9. L-inċiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.
⁽²⁾ Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).
⁽³⁾ Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

*Addendum***għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip Nru... dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tad-Direttiva 2001/56/KE**

1. Informazzjoni addizzjonali:
- 1.1. Sistema li ssaħħan bl-użu ta' sħana mill-likwidu li jkessaħ il-makna/gassijiet ta' l-exhaust/arja li tkessaħ il-makna ⁽¹⁾
- 1.2. *Combustion heaters*, jekk hemm:
5. Rimarki:

⁽¹⁾ Kif definit fl-Anness II tad-Direttiva 70/156/KEE.

Appendiċi 3

**Dokument ta' informazzjoni Nru dwar approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' combustion heater
(id-Direttiva 2001/56/KE)**

L-informazzjoni li ġejja, jekk tkun applikabbli, għandha tingħata fi tliet kopji u tinkludi werrej. Kwalunkwe disinj għandhom jingħataw fi skala adatta u f'dettal suffiċjenti fuq karti ta' qies A4 jew igo folder ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm, għandhom juru dettal suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew il-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandha tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom.

- 0. ĠENERALI
- 0.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. Tip.....
- 0.2.1. Deskrizzjoni(jiet) Kummerċjali (jekk disponibbli):
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.7. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal- KE:
- 0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:
- 1.0. COMBUSTION HEATER
- 1.1. Test tal-pressjoni (fil-każ ta' combustion heater) imħaddem bil-gass tal-pitrolju likwidifikat jew simili, il-pressjoni applikata fil-konnessjoni tal-fetħa tal-gass mal-heater:
- 1.2. eċċ.

Appendiċi 4

MUDELL

(format massimu: A4 (210 mm × 297 mm))

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna:

- l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾

ta' tip ta' vettura/komponent/unita separata teknika ⁽¹⁾ fir-rigward tad-Direttiva 2001/56/KE.

Numru ta' approvazzjoni tat-tip:

Raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

- 0.1. Għamla (l-isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. Tip u deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali:
- 0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unita teknika separata ⁽¹⁾:
- 0.4. Kategorija tal-vettura/i ⁽¹⁾ ⁽²⁾ ⁽³⁾:
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.6. Fil-każ ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati, il-lok u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' l-approvazzjoni tal-KE:.....
.....
- 0.7. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-assemblaġġ:

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): ara l-addendum
2. Servizz tekniku responsabbli biex iwettaq it-testijiet:
3. Data tar-rapport tat-test:
4. Numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk hemm): ara l-addendum
6. Post:
7. Data:
8. Firma:
9. L-indiċi għall-pakkett ta' l-informazzjoni ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa mehmuż.

⁽¹⁾ Ħassar fejn ma japplikax.⁽²⁾ Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex relevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unita teknika separata koperti b'dan iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: (e.g. ABC??123??).⁽³⁾ Kif definit fl-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE.

Addendum

għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip Nru... dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' combustion heater fir-rigward tad-Direttiva 2001/56/KE

I. *Informazzjoni addizzjonali:*

I.1. *Deskrizzjoni tat-tip ta' combustion heater:* eċċ.

5. *Rimarki:*

Appendiċi 5

MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TAL-KOMPONENTI

1. ĠENERALI

1.1. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent tikkonsisti fi:

1.1.1. rettangolu madwar l-ittra żgħira "e" u warajha n-numru jew l-ittri li jiddistingwu l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti:


1 għall-Ġermanja	12 għall-Awstrija
2 għall-Franza	13 għall-Lussemburgu
3 għall-Italja	17 għall-Finlandja
4 għall-Olanda	18 għad-Danimarka
5 għall-Isvezja	21 għall-Portugall
6 għall-Belġju	23 għall-Greċja
9 għal Spanja	24 għall-Irlanda
11 għar-Renju Unit	

1.1.2. Viċin tar-rettangolu in-"numru ta' l-approvazzjoni bażi" fit-taqsimha 4 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip riferit fl-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE, preċedut minn żewġ figuri li jindikaw in-numru ta' sekwenza assejnat lill-emenda ewlenija l-aktar reċenti tad-Direttiva 78/548/KEE fid-data meta tkun ingħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent; F'din id-Direttiva in-numru ta' sekwenza huwa 00;

1.2. Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' komponent għandha tkun tinqara ċar u ma titħassarx.

2. EŻEMPJU TAL-MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TA' KOMPONENT

2.1.



Il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent t' hawn fuq turi li l-combustion heater f'dan il-każ ikun ġie approvat fil-Ġermanja (e1) taħt in-numru ta' l-approvazzjoni 2439. L-ewwel żewġ figuri (00) jindikaw li dan il-komponent ġie approvat skond din id-Direttiva.

ANNEX II

KAMP TA' APPLIKAZZJONI, DEFINIZZJONIJIET U ĦTIĠIET

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI
 - 1.1. Din id-Direttiva tapplika għall-vetturi kollha fil-kategoriji M, N u O fejn hemm immuntata sistema li ssaħħan.
2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

 - 2.1. "Sistema li ssaħħan" tfisser kwalunkwe tip ta' mezz intiż li jżid it-temperatura interna tal-vettura, inkluża iż-żona tat-tagħbija.
 - 2.2. "*Combustion heater*" tfisser mezz li direttament juża karburanti likwidi jew gass u li ma jużax is-sħana żejda mill-magna użata biex tmexxi l-vettura 'l quddiem.
 - 2.3. "Tip ta' vettura fir-rigward tas-sistema li ssaħħan" tfisser vetturi li ma jkunux differenti fl-aspetti essenzjali bħal ma huma:
 - l-prinċipju tal-funzjonament tas-sistema li ssaħħan,
 - it-tip ta' *combustion heater*, jekk ikun hemm.
 - 2.4. "Tip ta' *combustion heater*" tfisser mezz li ma jkunux differenti fl-aspetti essenzjali bħal ma huma:
 - it-tip ta' karburanti (e.ż. likwidi jew gass),
 - il-mezz tat-trasferiment (e.ż. arja jew ilma),
 - il-post fil-vettura (e.ż. l-kompartiment tal-passiġġier jew iż-żona tat-tagħbija).
 - 2.5. "Sistema li ssaħħan bl-użu tal-waste-heat" tfisser kwalunkwe tip ta' mezz li juża s-sħana żejda mill-makna użata biex tmexxi 'l-vettura 'l quddiem biex iżid it-temperatura fl-intern tal-vettura, u tista' jinkludi l-ilma, ż-żejt jew l-arja bħala mezz tat-trasferiment.
 - 2.6. "Intern" tfisser il-ġewwieni tal-vettura użat għall-akkomodazzjoni ta' l-okkupanti tal-vettura u/jew tat-tagħbija.
 - 2.7. "Sistema li ssaħħan għall-kompartiment tal-passiġġier" tfisser kwalunkwe tip ta' mezz intiża li żżid it-temperatura tal-kompartiment tal-passiġġier.
 - 2.8. "Sistema li ssaħħan għaż-żona tat-tagħbija" tfisser kwalunkwe tip ta' mezz intiż li jżid it-temperatura taż-żona tat-tagħbija.
 - 2.9. "Kompartiment tal-passiġġier" tfisser il-parti ta' ġewwa tal-vettura użata biex takkomoda lix-xufier u xi passiġġieri.
 - 2.10. "Karburanti gassus" tinkludi karburanti li huma gassusi ftemperatura normali (288,2 K u 101,33 kPa), bħal ma hu l-gass tal-pitrolju likwidifikat (LPG) u gass naturali kkompressat (CNG).
 - 2.11. "*Overheating*" tfisser il-kondizzjoni li teżisti meta l-fetħa ta' l-arja għall-arja li ssaħħan għall-*combustion heater* hija totalment imblukkata.
3. ĦTIĠIET GĦAL SISTEMA LI SSAĦĦAN
 - 3.1. IL-kompartiment tal-passiġġier ta' kull vettura fil-kategoriji M u N għandu jkun mgħammar bis-sistema li ssaħħan.
 - 3.2. Il-ħtiġiet ġenerali għal sistemi li ssaħħan huma li:
 - l-arja msaħħna li tidħol fil-kompartiment tal-passiġġier m' għandhiex tkun aktar imniġġsa mill-arja fil-punt tal-fetħa tal-vettura,
 - ix-xufier u l-passiġġieri, waqt l-użu fit-triq, ma jkunux jisgħu jiġu f'kuntatt ma' partijiet tal-vettura jew l-arja msaħħna li tista' tikkawża xi ħarqa,
 - l-emissjonijiet ta' l-*exhaust* minn *combustion heaters* ikunu fil-limiti aċċettabbli.

Il-proċeduri tat-test għall-verifika ta' kull wieħed minn dawn il-ħtiġiet huma stabbiliti fl-Annessi IV, V u VI.
 - 3.2.1. It-tabella li ġejja tindika liema Annessi huma applikabbli għal kull tip ta' sistema li ssaħħan f'kull kategorija tal-vetturi:

Sistema li ssaħħan	Kategorija tal-vettura	L-Anness IV Kwalita ta' l-arja	L-Anness V Temperatura	L-Anness VI L-exhaust	L-Anness VIII Sigurtà tal-LPG
Arja jew ilma żejda tal-makna	M				
	N				
	O				
Shana jew arja żejda tal-makna Ara n-Nota 1	M	1	1		
	N	1	1		
	O				
Żejt jew ilma żejda tal-magna	M	1	1		
	N	1	1		
	O				
Heater bil-karburanti gassus Ara n-Noti 2 u 3	M	1	1	1	1
	N	1	1	1	1
	O	1	1	1	1
Heater bil-karburant likwidu Ara n-Nota 3	M	1	1	1	
	N	1	1	1	
	O	1	1	1	

3.3. Ħtiġiet oħrajn għall-*combustion heaters* u l-istallazzjoni tagħhom fil-vetturi huma stabbiliti fl-Anness VII.

Nota 1: Vetturi li huma konformi mal-ħtiġiet ta' l-Anness III huma eżentati minn dawn ir-ħtiġiet tat-test.

Nota 2: L-Anness VIII ġdid "Ħtiġiet dwar sigurtà għal *combustion heaters* bil-LPG" għandu jżjed ma' din id-Direttiva skond l-Artikolu 5.

Nota 3: *Combustion heaters* il-barra mil-kompartiment tal-passiġġieri, li jużaw l-ilma bħala mezz tat-trasferiment, jitqiesu li huma konformi mal-Annessi IV u V.

ANNEX III

ĦTIĠIET GĦAL SISTEMI LI SSAĦĦAN BIL-WASTE - BL-ARJA

1. Il-ħtiġiet stabbiliti fil-paragrafu 3.2 ta' l-Anness II jitqiesu soddisfatti dwar sistemi li ssaħħan li jinkludu *heat exchanger*, li ċ-ċirkwit ewlieni tiegħu jgħaddu minn fuqu gassijiet ta' l-*exhaust* jew arja mniġġsa, nasta li l-kondizzjonijiet li ġejjin huma soddisfatti:
 2. il-kisi taċ-ċirkwit ewlieni tal-*heat exchanger* m'għandux jippermetti ċarċir fi kwalunkwe pressjoni sa u inkluż 2 bar;
 3. il-kisi taċ-ċirkwit ewlieni tal-*heat exchanger* m'għandhomx jinkludu komponenti li jinqalgħu;
 4. il-kisi tal-*heat exchanger* fejn isir l-iskambju tas-sħana għandu jkun għall-inqas oħxon 2 mm jekk magħmul minn azzar mhux liegi;
 - 4.1. fil-każi meta jintużaw materjali oħrajn (inklużi materjali komposti jew miksija), il-ħxuna tal-kisja għandha tkun tali li taċċerta li l-*heat exchanger* jkollu l-istess terminu ta' servizzi daqs fil-każ riferit fil-punt 4;
 - 4.2. jekk il-kisja tal-*heat exchanger* fejn isir l-iskambju tas-sħana hija żmaltata, il-kisja fejn ikun ġie applikat l-iżmalt għandha tkun mhux anqas minn 1 mm ħoxna u dan l-iżmalt għandu jkun sod, ma jippermettix ċarċir u mhux poruż.
 5. it-tubu li jikkonduċi l-gassijiet ta' l-*exhaust* għandu jinkludi żona tat-test għall-korrużjoni għall-anqas twila 30 mm, u din iż-żona tkun direttament 'l isfel mill-*heat exchanger*, mhux mgħottija u aċċessibbli malajr;
 - 5.1. il-kisja ta' din iż-żona tat-test tal-korrużjoni m' għadhiex tkun eħxen mit-tubi għall-gassijiet ta' l-*exhaust* ġewwa l-*heat exchanger* u l-materjali u l-proprjetajiet tal-wiċċ ta' din il-parti għandhom ikunu komparabbli ma' dawk ta' dawn it-tubi;
 - 5.2. jekk il-*heat exchanger* jiffirma unita waħda mas-*silencer* ta' l-*exhaust* tal-vettura, il-kisja barranija ta' dan ta' l-aħħar għandha titqies bħala iż-żona li tkun konformi mal-punt 5.1 fejn tkun tista sseħħ xi korrużjoni.
6. Fil-każ ta' sistemi li ssaħħan tal-*waste-heat* bl-użu ta' l-arja li tkessaħ il-magna biex issaħħan, il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 3.2 ta' l-Anness II jitqiesu soddisfatti mingħajr l-użu ta' *heat exchanger* jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin huma soddisfatti:
 - l-arja li tkessaħ li tintuża biex issaħħan tiġi f'kuntatt biss mal-uċuħ tal-magna li ma jinkludux partijiet li jinqalgħu, u
 - il-konnessjonijiet bejn il-kisi ta' dan iċ-ċirkwit ta' l-arja li tkessaħ u l-uċuħ użati għat-trasferiment tas-sħana jkum impereabli għall-gassijiet u reżistenti għaż-żejt.

Dawn il-kondizzjonijiet jitqiesu soddisfatti jekk, bħala eżempju:

 - 6.1. għant madwar kull *sparking plug* jiġbed xi ċarċir ta' gassijiet il-barra miċ-ċirkwit ta' l-arja li ssaħħan;
 - 6.2. il-ġonta bejn is-*cylinder head* u l-*manifold* ta' l-*exhaust* hija l-barra miċ-ċirkwit ta' l-arja li ssaħħan;
 - 6.3. hemm protezzjoni doppja kontra ċarċir bejn is-*cylinder head* u ċ-ċilindru u ċ-ċarir mill-ewwel ġonta jinġibdu l-barra miċ-ċirkwit ta' l-arja li ssaħħan, jew

il-protezzjoni miċ-ċarċir bejn is-*cylinder head* u ċ-ċilindru xorta tibqa sħiħa meta l-iskrorfini tas-*cylinder head* jkun sikkati fil-kiesaħ b'terz tat-*torque* nominali preskritti mill-manifattur, jew

iż-żona fejn is-*cylinder head* hija mgħaqda maċ-ċilindru tkun il-barra miċ-ċirkwit ta' l-arja li ssaħħan.

ANNEX IV

PROCĊEDURA TAT-TEST GĦALL-KWALITA TA' L-ARJA

1. Fil-każ ta' vetturi sħaħ, it-test li ġej għandhu jitwettaq:
 - 1.1. Ħaddem il-*heater* għal siegħa fi produzzjoni massima fil-kondizzjonijiet ta' l-arja wieqfa (veloċità tar-riħ ≤ 2 m/s), bit-twieqi kollha magħluqin u, fil-każ ta' *combustion heater*, il-magna tal-propulsjoni tkun mitfija. Jekk, b'dana kollu, meta l-produzzjoni massima tkun ġiet magħżula, il-*heater* jintefa awtomatikament fi żmien inqas minn siegħa, il-kejl jista' jsir qabel ma tintefa'.
 - 1.2. Il-proporzjon ta' CO fl-arja ambjentali għandha titkejjel billi jittieħdu kampjuni minn:
 - (a) punt il-barra mill-vettura viċin kemm jista' jkun tal-fetħa ta' l-arja li ssaħħan, u
 - (b) punt fl-intern tal-vettura inqas minn 1 m mill-fetħa fejn toħroġ l-arja msaħħna.
 - 1.3. Għandhom jittieħdu qari għal ħin rappreżentant ta' 10 minuti.
 - 1.4. Il-qari mill-pożizzjoni (b) għandu jkun inqas minn 20 ppm CO oġhla mill-pożizzjoni (a).
2. Fil-każ ta' *combustion heaters* bħala komponenti, it-test li ġej għandu jitwettaq wara t-testijiet ta' l-Annessi V, VI u l-punt 1.3 ta' l-Anness VII.
 - 2.1. Iċ-ċirkwit ewlieni tal-*heat exchanger* għandu jiġi soġġett għal test taċ-ċarċir biex jiġi aċċertat li l-arja inkwinata ma tkunx tista tidħol ma' l-arja msaħħna intiża għall-kompartiment tal-passiġġier.
 - 2.2. Dawn il-ħtiġiet jitqiesu soddisfatt jekk, fi pressjoni mkejla ta' 0,5 hPa, ir-rata taċ-ċarċir mill-*heat exchanger* hija ta' ≤ 30 dm³/h.

ANNEX V

PROCĊEDURA TAT-TEST GĦAT-TEMPERATURA

1. Ħaddem il-*heater* għal siegħa f' potenza massima f' kondizzjonijiet ta' l-arja wieqfa (veloċità tar-riħ ≤ 2 m/s), bit-twieqi kollha magħluqin. Jekk, b'danakollu, meta tkun ingħażlet il-potenza massima, il-*heater* jintefa awtomatikament fi żmien inqas minn siegħa, jista' jsir il-kejl aktar kmieni. Jekk l-arja msaħħna tingħbed minn barra l-vettura t-test għandu jitwettaq f'temperatura ambjentali ta' mhux inqas minn 15 °C.
 2. It-temperatura tal-wiċċ ta' kwalunkwe parti tas-sistema li ssaħħan li x'aktarx tiġi f'kuntatt max-xufier tal-vettura waqt l-użu normali fit-toroq għandha titkejjel b'termometru tal-kuntatt. L-ebda parti jew partijiet minn dawn m'għandhom jeċċedu temperatura ta' 70 °C għall-metall mhux miksi jew 80 °C għal materjali oħrajn.
 - 2.1. Fil-każ li parti jew partijiet tas-sistema li ssaħħan wara s-sedil tax-xufier, u fil-każ ta' *overheating*, it-temperatura m'għandiex teċċedi 110 °C.
 - 3.1. Fil-każ ta' vetturi fil-kategoriji M₁ u N, l-ebda parti mis-sistema li x'aktarx tiġi f'kuntatt ma' passiġġieri bil-qiegħda waqt l-użu normali fit-triq tal-vettura, minbarra l-gradilja tal-fetħa għal barra, m'għandiex teċċedi t-temperatura ta' 110 °C.
 - 3.2. Fil-każ ta' vetturi fil-kategoriji M₂ u M₃, l-ebda parti mis-sistema li x'aktarx tiġi f'kuntatt ma' passiġġieri bil-qiegħda waqt l-użu normali fit-triq tal-vettura m'għandha teċċedi t-temperatura ta' 70 °C għall-metall mhux miksi jew 80 °C għal materjali oħrajn.
 4. It-temperatura ta' l-arja msaħħna li tidħol fil-kompartiment tal-passiġġier m'għandiex teċċedi 150 °C li titkejjel fiċ-ċentru tal-fetħa.
-

ANNEX VI

PROĊEDURA TAT-TEST GĦALL-EMISSJONIJET TA' L-EXHAUST

1. Ħaddem il-*heater* għal siegħa f'potenza massima f' kondizzjonijiet ta' l-arja wieqfa (veloċità tar-riħ ≤ 2 m/s), u temperatura ambjentali ta' $20 \pm 10^\circ$ C. B'dana kollu, jekk meta tkun ingħażlet il-poteza massima, il-*heater* jintefa awtomatikament fi żmien inqas minn siegħa, jista' jsir il-kejl qabel ma jkun intefa'.
2. L-emissjonijiet xotti u mhux imħallta ta' l-*exhaust*, imkejla bl-użu ta' arloġġ xieraq, m'għandhomx jeċċedu l-valuri indikati fit-tabella li ġejja:

Parametri	Heaters li jużaw karburanti gassusi	Heaters li jużaw karburanti likwidi
CO	$\leq 0,1$ % vol.	$\leq 0,1$ % vol.
NO _x	≤ 200 ppm	≤ 200 ppm
HC	≤ 100 ppm	≤ 100 ppm
unità ta' referenza ta' <i>Bacharach</i> (°)	≤ 1	≤ 4

(°) Tintuża l-unita' ta' referenza ta' "Bacharach" ASTM D 2156.

3. It-test għandu jkun imtenni f'kondizzjonijiet ekwivalenti għal veloċità tal-vettura ta' 100 km/s. Taħt dawn il-kondizzjonijiet il-valur tal-CO m'għandux jeċċedi 0,2 % vol. Jekk it-test ikun twettaq fuq il-*heater* bħala komponent, m'għandux għalfejn jerġa' jsir fil-każ ta' tip ta' vettura li fih jkun ġie mmuntat il-*heater*.

ANNEX VII

ĦTIĠIET GĦALL-COMBUSTION HEATERS U L-ISTALLAZZJONI TAGĦHOM

1. ĦTIĠIET ĠENERALI
 - 1.1. L-istruzzjonijiet dwar l-operat u manutenzjoni għandhom ikunu fornuti ma' kull *heater* u, fil-każ ta' *heaters* intiżi għal wara l-bejgħ, għandhom jiġu pprovduti wkoll l-istruzzjonijiet għall-istallazzjoni.
 - 1.2. Tgħammir ta' sigurtà għandu jkun installat (jew bħala parti mill-*combustion heater* jew bħala parti mill-vettura) biex jikkontrolla l-operat ta' kull *combustion heater* f'emerġenza. Għandha tkun iddisinjata b' tali mod li, jekk ma tinkiseb l-ebda fjamma meta titqabbad il-magna, jew il-fjamma tintefa waqt l-operat, il-ħinjiet ta' l-injizzjoni u l-bidu għall-fornitura tal-karburanti ma jeċċedux b'erba' minuti f'każ ta' *heaters* bil-karburanti likwidi jew fil-każ ta' *heaters* bil-karburanti gassusi, minuta jekk il-mezz li tissorvelja l-fjamma hija termoelettrika jew 10 sekondi jekk hija awtomatika.
 - 1.3. Il-*combustion chamber* u l-*heat exchanger* ta' *heaters* li jużaw l-ilma bħala mezz ta' trasferiment għandhom ikunu kapaċi li jirreġistraw pressjoni li hija l-akbar fost dawn, darbtejn daqs il-pressjoni normali ta' l-operat jew 2 bar (*gauge*). Il-pressjoni tat-test għandha tkun annotata fid-dokument ta' informazzjoni.
 - 1.4. Il-*heater* għandu jkollha tikketta tal-manifattur li turi l-isem tal-manifattur, in-numru tal-mudell u t-tip flimkien mal-potenza ratata tagħha f'*kilowatts*. It-tip tal-karburanti għandu jidher ukoll u, meta rilevanti, il-vultaġġ ta' operat u l-pressjoni tal-gass.
 - 1.5. *Għeluq imdewwem tal-combustion air blowers*
 - 1.5.1. Jekk ikun hemm immuntat *combustion air blower* għandu jkun ipprovdut ukoll *delayed shut-off* fil-każ ta' *overheating* u f'każ ta' l-interruzzjoni tal-fornitura tal-karburanti.
 - 1.5.2. Miżuri oħrajn biex jipprevjenu d-danni minħabba d-deflagrazzjoni u l-korrużjoni ta' l-xhaust jistgħu jiġu applikati jekk il-manifattur iforni provi għas-soddisfazzjoni ta' l-awtorità ta' l-approvazzjoni ta' l-effetti ekwivalenti tagħhom.
 - 1.6. *Ħtiġiet għall-fornitura ta' l-elettriku*
 - 1.6.1. Il-ħtiġiet tekniċi kollha affettwati mill-vultaġġ għandhom ikunu fl-iskala tal-vultaġġ ta' $\pm 16\%$ tal-figura ggradata. B'dana kollu, jekk hija fornita protezzjoni għall-vultaġġ baxx u/jew vultaġġ għoli, il-ħtiġiet għandhom jintlaħqu fil-vultaġġ iggradat u fil-viċinanza immedjata tal-punti ta' l-għeluq.
 - 1.7. *Dwal tat-twissija*
 - 1.7.1. Sinjal li jidher ċar fil-qasam tal-viżjoni ta' l-operatur għandu jinforma meta l-*combustion heater* jixgħel jew jintefa'.
2. ĦTIĠIET GĦALL-ISTALLAZZJONI FIL-VETTURI
 - 2.1. *Kamp ta' applikazzjoni*
 - 2.1.1. Bla ħsara għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2.1.2, il-*combustion heaters* għandhom jiġu installati skond il-ħtiġiet ta' dan l-Anness.
 - 2.1.2. Vetturi tal-kategorija O bil-*heater* bil-karburanti likwidi jitqiesu li jħarsu r-ħtiġiet ta' dan l-Anness.
 - 2.2. *Il-pożizzjonar tal-heater*
 - 2.2.1. Sezjonijiet tal-karozzerija u tal-komponenti l-oħrajn viċin il-*heater* għandhom jiġu protetti minn sħana żejda u l-possibiltà ta' kontaminazzjoni bil-karburanti jew biż-żejt.
 - 2.2.2. Il-*combustion heater* m'għandux jikkostitwixxi riskju tan-nar, anke f'każ ta' *overheating*. Din il-ħtieġa għandha titqies bħala soddisfatta jekk l-istallazzjoni taċċerta distanza xierqa għall-partijiet kollha u ventilazzjoni xierqa, bl-użu ta' materjali li jirrestrinġu n-nar u bl-użu ta' protezzjoni kontra s-sħana.
 - 2.2.3. Fil-każ ta' vetturi M₂ u M₃, il-*heater* m'għandux ikun fil-kompartiment tal-passiġġier. B'dana kollu, installazzjoni f'kisi effettivament issiġillat li jkun konformi wkoll mal-kondizzjonijiet fil-paragrafu 2.2.2 tista' tkun użata.
 - 2.2.4. It-tikketta riferita fil-paragrafu 1.4, jew il-kopja tagħha, għandha tkun pożizzjonata li tinqara faċilment meta l-*heater* tkun installata fil-vettura.
 - 2.2.5. Kull prekawzjoni raġonevoli għandha tittiħed fl-immuntar tal-*heater* biex jitnaqqas ir-riskju ta' xi korrimment u danni għall-propjeta personali.

- 2.3. *Fornitura tal-karburanti*
- 2.3.1. Il-mili' tal-karburanti m'għandux ikun fil-kompartiment tal-passiġġier u għandu jkun fornut b għatu effettiv biex jipprevjeni ċ-ċarċir tal-karburanti.
- 2.3.2. Fil-każ ta' *heaters* bil-karburanti likwidi, meta ssir forniture separata minn dik tal-vettura, it-tip tal-karburanti u l-punt minn fejn isir il-mili' għandhom ikunu indikati b'mod ċar.
- 2.3.3. Għandu jitwajjal avviż mal-punt tal-mili' tal-karburanti li jindika li l-*heater* għandu jkun mitfi qabel ma jerġa' jkun mimli bil-karburanti B'zidea ma dan għandha tiġi inkluża wkoll istruzzjoni xierqa fil-ktieb ta' l-operazzjoni tal-manifattur,.
- 2.4. *Sistema ta' l-exhaust*
- 2.4.1. Il-fetħa ta' l-exhaust għandha tkun f' post li ma tħallix l-emissjonijiet li jidħlu fil-vettura mill-ventilaturi, fetħiet għad-dħul ta' l-arja msaħħna jew mit-twieqi li jinfetħu.
- 2.5. *Dħul ta' l-arja tal-kombustjoni*
- 2.5.1. L-arja għall-*combustion chamber* tal-*heater* m'għandiex tittieħed mill-kompartiment tal-passiġġier tal-vettura.
- 2.5.2. Il-fetħa għad-dħul ta' l-arja għandha tkun hekk imqiegħda jew imħarsa b'tali mod li l-ibblokkar bl-imbarazz jew bil-bagalji ma jkunx possibbli.
- 2.6. *Fetħa għad-dħul ta' l-arja li ssaħħan*
- 2.6.1. Il-fornitura ta' l-arja li ssaħħan tista' tkun arja friska jew iċċirkolata mill-ġdid u għandha tinġibed minn arja nadifa li mhix x'aktarx ikkontaminata mid-duħħan ta' l-*exhaust* li joħroġ mill-magna tal-propulsjoni, *mill-combustion heater* jew minn xi għajn oħra tal-vettura.
- 2.6.2. Il-kanal tad-dħul għandu jitħares minn xibka jew mezz ieħor xieraq.
- 2.7. *Fetħa għall-ħruġ ta' l-arja li ssaħħan*
- 2.7.1. Xi kanali użati biex titwassal l-arja sħuna fil-vettura għandhom ikunu f'pożizzjoni tali jew hekk protetti li ma jkunx jista' jsir xi korriment jew ħsara jekk dawn jintmissu.
- 2.7.2. Il-fetħa għall-ħruġ ta' l-arja għandha tkun hekk ippożizzjonata jew imħarsa b'tali mod li l-imblokkar bl-imbarazz jew bil-bagalji ma jkunx possibbli.
- 2.8. *Kontroll awtomatiku fuq is-sistema li ssaħħan*
- Is-sistema li ssaħħan għandha tintefa' awtomatikament u l-provvista tal-karburanti tieqaf fi żmien ħames sekondi meta tieqaf taħdem il-magna tal-vettura. Jekk mezz manwali jkun diġa' attiv, is-sistema li ssaħħan tista' tibqa' taħdem.
-

ANNEX VIII

ĦTIĠIET TAS-SIGURTÀ GĦAL COMBUSTION HEATERS BIL-LPG

(Ara l-Anness II, il-punt 3.3, in-Nota 2)
